# L-ARZELLA TAL-KURĊIFISS

## *Xogħol mill-aqwa tal-Pittur Ġann Nikola Buhagiar.*

Jikteb Dun Joe Abela

***Restawr ta' l-Arzella:***

Bħalissa, r-restawratur Żejtuni Emanweli Żammit qiegħed jirrestawra l-Arzella tal-kappellun tal-Kurċifiss fil-knisja parrokkjali tagħna. Il-pittura ta' din l-arzella hi magħrufa bħala waħda mill-aqwa opri artistiċi li jinsabu fil-knisja taż-Żejtun, u riferenzi għaliha tiltaqa' magħhom fil-kotba ta' l-Istorja ta' l-arti ekkleżjastika Maltija. Kienet tassew ħasra li pittura bħal din tħalliet tmur lura matul il-ħafna snin bl-ilma tax-xita li ħoloq tant umdita' li sa ftit ilu parti sewwa minnha kienet inħbiet għal kollox taħt il-moffa.

***Pika Fejjieda:***

L-arzella hi xogħol il-pittur Malti Ġann Nikola Buhagiar li għex, tista' tgħid, fl-istess żmien tal-pittur Francesco Zahra, awtur ta' l-arzella l-oħra fil-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju. Dawn iż-żewġ arzelli, tant viċin xulxin fl-istess knisja, qegħdin iservu biex l-istudjużi ta' l-arti jkunu jistgħu iqabblu l-kapacita' u t-teknika tal-pitturi Buhagiar u Zahra. Fil-fatt hemm x'wieħed jaħseb li ż-żewġ pitturi daħlu f'pika sana bejniethom dwar min minnhom ipitter l-aħjar arzella, u t-tnejn ħargu ta' rġiel!



***Gesu' Kristu Feddej:***

Il-pittura tal-kurċifiss tippreżenta l-ġisem ta' Kristu mejjet li jokkupa il-post ċentrali fl-arzella. Triangolu ta' dawl - li jfakkar lill-ispettatur fit-Trinita' Qaddisa - u xbiha ta' serp - simbolu ta' l-eternita' - f'forma ċirkulari madwar Ġesu' mejjet, jgħinu biex jiġbdu l-attenzjoni fuq l-importanza ta' Ġesu', li bil-mewt tiegħu feda' l-umanita'. Taħt Gesu' mejjet jidhru s-simboli tal- Passjoni u ta' l-erba' Evanġelisti. Il-parti ta' fuq ta' l-arzella - il-parti li l-aktar sofriet ħsara bl-umdita' - hi miżgħuda b'numru kbir ta' anġli.

***Il-Profeti Tal-Passjoni:***

Iżda fl-opinjini tiegħi l-isbaħ parti ta' l-arzella huma ż-żewġ taqsimiet li jippreżentaw profeti u personaġġi oħra mit-Testment il-Qadim konnessi mal-passjoni ta' Gesu'. Siltiet mill-aktar eżatti mill-Kotba Mqaddsa jgħinu lill-ispettatur jidentifika faċilment il-figuri. Jien qatt ma nixba' nammira l-figura tassew sabiħa u artistika tal-profeta Danjeli ma' l-iljun u l-anġlu ta' ħdejh li,
b'idu x-xellugija qed jindika lil Ġesu' mejjet. Ħdejn Danjel jidher is-sultan David bil-kuruna u l-arpa. Abdijas, ir-raba' mill-profeti minuri, qiegħed bil-qegħda ħdejn riġlejn David. Fuq in-naħa l-oħra ta' l-arzella naraw lil Eżekjeli, it-tielet mill-profeti maġġuri, u s-sejħa ta' Isaia li qed jirċievi mill-anġlu l-faħma taqbad. Isaia, l-akbar mill-profeti, kultant insejħulu "Il-Ħames Evanġelista". Noe', bil-ktieb f'idejh u ħdejn l-arka bil-qawsalla fuqha, hu mrekken bejn l-anġlu ta' Isaia u s-simboli tal-passjoni fin-nofs.

***Dettalji nteressanti:***

Kitba ċkejkna fin-naħa tal-lemin ta' l-arzella - kitba li ma tidher assolutament xejn minn isfel - għandha mportanza kbira storika, għaliex tagħtina nformazzjoni dwar il-pittur, id-data tal-pittura, u min ħa ħsieb biex issir l-opra. Jidhru ċari u kbar is-sena 1739, li hi mniżżla darbtejn, u l-inizjali tal-pittur: G.N.B. Fuq parċmina ħdejn il-firma tal-pittur naqraw: "Si dispensi l' anno 1739.Sono in governo il parrocco Giov. Batt. Seguna; Procuratori Rev. Cirillo Formosa e Rev. Giovanni Mifsud". Xhieda aktar minn hekk żgur li ma jistax ikollna!

*( Ikompli pagna 7)*

Ikompli minn pagna 5

***Tagħrif mill-Arkivji:***

Barra minn hekk jien kont fortunat li fittiftix tiegħi fl-Arkivji tal-parroċċa tagħna, sibt registru tal-ħlasijiet ta' dak iż-żmien (Angonia, Lib. I ?). Waħda minn noti (f.280) l-aktar sinifikanti kienet din: "Al di' 26 Febraio 1739. Noi infra avemo fatto esito di scudi cento dieci al Sign. Gio' Nicola Buhagiar per la pittura dell' Arzelloa ed altro, con ordine e licentia di Mons. Vescovo come S.Cirillo Formosa e Giovanni Mifsud, proc. dell' Agonia". Fl-istess reġistru sibt ukoll irċevuta miktuba u ffirmata mill-pittur stess u li tirriferi għall-ħlas li G.N. Buhagiar irċieva għaż-żewġ kwadri laterali tal-Kurċifiss. Xhieda oħra li l-Arzella saret minn Buhagiar sibtha fl-Arkivju tal-Kurja, il-Furjana. Hemm iltqajt ma' riferenza għall-ħlas li sar fi Frar, 1739, "al Sign. Gio' Nicola Buhagiar per pittura dell' Arzella" (Conti, 104, Reg. 24, f.38).

***Il-Pittur Ġann Nikola Buhagiar:***

Ġann Nikola Buhagiar (1698-1752) u Francesco Zahra (1710-1773) mhux biss kienu ħbieb, iżda wkoll kellhom lin-nisa tagħhom jiġu minn xulxin. Bħal Zahra, Buhagiar pinġa l-pittura tiegħu ta' l-Arzella biż-żejt direttament fuq il-ġebla bħalma kien għamel qabilhom Mattia Preti f'San Ġwann, il-Belt Valletta. Fl-1739 Buhagiar kellu 41 sena u allura kien fl-aqwa tal-karriera tiegħu. Kien twieled f'Ħaż-Żebbuġ fi ħdan familja magħrufa għall-kapaċitajiet artistici tagħha. Fil-fatt missieru Baskal kien rinomat għax-xogħol fil-ġebla Maltija, u minħabba s-sengħa tiegħu kien għal xi żmien jgħix fil-Belt Valletta wkoll. Ibnu Ġann Nikol iżżewweġ lil Anna Maria Cachia fl-1719 u miet il-Belt fil-21 ta' Mejju, 1752 fl-eta' ta' 54 sena. Iżda l-ħajja u l-ħidma artistika tiegħu għadhom ma ġewx studjati sewwa minn ħadd.

***Il-Ħajja Avventuruża ta' Dun Ċirillu:***

Dun Ċirillu Formosa, wieħed mill- prokuraturi ta' l-Agunija, għex ħajja li ma' nibżax niddiskriviha bħala avventuruża. Twieled fl-1702, bin Pawlu Formosa u Teresa, nee' Agius, bint Baskal, mir-Raħal ta' Isfel. Wara li qaddes sar organista li saħansitra għamel wegħda li jikkontribwixxi somma ta' flus meta jasal, kif fil-fatt għamel, l-orgni l-ġdid. Kien predikatur magħruf, konfessur ta' diversi monasteri u wkoll prefett fis-seminarju. Fl-1751 laħaq kappillan ta' Ħal-Tarxien u ma damx ma sar difensur ta' sħabu l-kappillani u d-drittijiet tal-parroċċi. Kien bit-tħabrik tiegħu li, minkejja l-oppożizzjoni tal-Monsinjuri, fl-1760 il-kappillani bdew jilbsu r-rukkett u l-muzzetta! Iżda l-aqwa avventura tiegħu kienet meta, wara ħafna taħwid u kawżi kemm f' Malta, kif ukoll barra, hu rnexxielu jnaqqas ħafna mill-ispiża li l-parroċċi kien ikollhom jagħmlu għall-manteniment tas-segwitu' ta' l-Isqof fil-visti pastorali (F.Ciappara, "Mill-Qigħan ta' l-Istorja", p.42). Formosa miet fl-1767.

***Il-Prokuratur l-Ieħor:***

Dun Ġwann Mifsud, il-prokuratur l-ieħor, kien twieled fir-Raħal ta' Fuq fl-1705, bin mastru Ġużeppi Mifsud u Katarina. Kien għalhekk tliet snin iżgħar minn Dun Ċirillu. Fil-Magħmudija, iċ-ċkejken Ġiovanni, kellu bħala parrinu lil l-istess kappillan taż-Żejtun, Dun Ugolin Bonnici. Dun Ġwann miet fl-1782 ta' 77 sena ħaġa rari għal dak iż-żmien.

Nittamaw li ma ndumux ma ngawdu din l-opra restawrata fil-knisja tagħna.

